Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Numru 177/2001

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)

vs

Brian Vella

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita numru 119571M, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar xhur ikkommetta diversi serq liema atti gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispossizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda ai termini ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

1. mill-hanut bl-isem Joswill Bar and Restaurant f’Wied il-Ghajn, fil-lejl tas-19 u l-20 ta’ Lulju, 2000, bil-lejl, flimkien ma’ persuni ohra kkommetta serq ta’ flus kontanti, xorb


Qrati tal-Gustizzja

alkoholiku, 'hi-fi equipment' li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' Carmelo Buttigieg liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.
2. fl-Ghadira fis-sajf tas-sena 2000 matul il-gurnata flimkien ma' persuna ohra u cioè Kenneth Ellul ikkommetta serq ta' handbag kontinenti flus kontanti ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-valur.
3. fl-Ghadira fix-xahar ta' Awissu tas-sena 2000 matul il-gurnata flimkien ma' persuna ohra u cioè Anton Vassallo kkommetta serq ta' handbag kontinenti flus kontanti, kamera tar-ritratti ghad-dannu tal-koppja Smith, liema serq huwa aggravat bil-valur.
4. mill-hanut bl-isem Knights Bar and Restaurant f'Wied il-Ghajn, fil-lejl tal-4 u l-5 ta' April, 2000, bil-lejl, flimkien ma' persuni ohra kkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti, xorb alkoholiku, 'hi-fi equipment' li l-valur taghhom jecceddi l-Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' Alan Grima, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.
5. fi tlett xhur ta' qabel l-20 ta' Awissu, 2000 mill-garaxx bl-isem Tal-Grazzja li huwa sitwat gewwa Hal-Far flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' video recorder u monitor li jiswew aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa.
6. f'Malta f'dawn l-ahhar xhur, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. fl-istess zminijiet, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-imsemmija stabbilimenti liema hsara tiskorri s-somma ta' Lm50 izda anqas minn Lm500 ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom.
8. sar recediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi fl-udjenza tal-lum 17 ta’ Ottubru 2003 l-imputat, prezenti l-Avukat difensur tieghu, irregistra ammissjoni fl-liema huwa baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Din l-ammissjoni tirreferi u hi fil-konfront ta’ serq kif indikat fl-imputazzjoni u kif ahjar spjegat fix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u l-Ispettur Paul Vassallo; is-serq inkriminat konsistenti fin-numru ta’ hames serqiet kommessi bejn April u Awissu tas-sena 2000. Issa l-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizjonata u l-Qorti fuq daqshekk ser tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, u fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat, tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu hlief ghas-sitt akkuza li hi alternattiva ghal dik tas-serq; rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278(3), 325(a), 49, 50, 17, 18 u 31 tal-Kap 9; tiddeciedi li fil-kaz tal-odjern imputat tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tirrikonfermah taht il-harsien tal-ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum u bil-kundizzjoni esplicita li jkompli u jiffinalizza l-programm ta’ rijabilitazzjoni li huwa qieghed prezentement isegwi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------